MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Numru 1007/2006

Il-Pulizija
(Sp Mario Bonello)
vs
Emanuele Magro, iben joseph,
imwieled Naxxar fl-14 ta'
novembru, 1951

Il-Qorti,

Rat l-akkuża kontra l-imputat
1. talli fit-23 ta' settembru, 2006 għal ħabta tas-1.30 p.m. fil-Ħamrun, ikkometta serq ta' mobile phone u affarijiet oħra li l-ammont tagħhom hu ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) iżda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' Paul Vella minn Ħaż-Żebbuġ, liema serq hu kkwalifikat bil-valur;
2. talli hu reċidiv b'diversi sentenżi mogħtija kemm mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' settembru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' ottubru, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat radd lura l-affarijiet misruqa u li l-valur tagħhom hu ta' inqas minn Lm100.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża ta' serq mingħajr l-aggravju tal-valur. Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u li hu radd lura l-affarijiiet misruqa. Rat l-artikoli 285, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn lira maltin (Lm200).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------